MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2010

Avviz Numru. 217/2010

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1950/10 fl-ismijiet:**

**Sirap Limited (C 7395)**

**vs**

**IT 2010 Limited (C 17791) precedentement maghrufa bl-isem A to Z Limited u Carmel sive Charles Bonici Mompalao proprio (543476M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Carmel sive Charles Bonici Mompalao fl-14 ta' Gunju 2010 permezz ta' liema jitlob lil din il-Qorti: (i) thassar u tirrevoka fil-konfront tieghu l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1950/10 fl-ismijiet "Sirap Limited v. IT 2010 Limited precedentement maghrufa bl-isem A to Z Limited u Carmel sive Charles Bonici Mompalao proprio"; u (ii) tordna lis-socjetà

sekwestranti sabiex f’dak iz-zmien li tiffissa l-Qorti taghti garanzija sufficjenti ghall-hlas ta’ kull penali li tista’ tigi imposta fuqha talli harget il-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju imsemmi u ghall-hlas tad-danni u l-interessi naxxenti mill-istess Mandat kapriccjuz;

Rat ir-Risposta ta’ Sirap Limited permezz ta’ liema tikkontesta t-talba tar-rikorrenti stante li: (i) mhux minnu li r-rikorrenti qatt ma xtara, ordna jew talab konsenja ta’ apparat jew accessorji elettronici minghandha; u (ii) fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti ghandu responsabilità personali ghall-hlas stante li (a) irrenda ruhu responsabbli ta’ misrapprezentazzjoni fil-konfront tas-socjetà intimata dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u operattiva tas-socjetà A to Z Limited; (b) huwa personalment debitur tas-socjetà intimata fil-kwalità tieghu ta’ kontributur taht l-Att dwar il-Kumpanniji b’mod li tapplika fil-konfront tieghu l-*actio debitor debitoris mei*; (c) minghajr ma beda ebda process ufficjali ta’ likwidazzjoni tas-socjetà IT 2010 Limited precedentement maghrufa bhala A to Z Limited, illikwida kwazi l-assi kollha tas-socjetà, biegh it-*trade name* lil terzi sabiex johloq disgwid fost il-kredituri tieghu u biddel l-isem tas-socjetà ghal IT 2010 Limited u sussegwentement waqqaf kumpannija ohra taht isem iehor u kompla jopera permezz ta’ tali kumpannija gdida bil-kuntratti u bl-assi rimanenti ts-socjetà IT 2010 Limited; (d) illi ai termini tal-gurisprudenza nostrana hemm dritt ta’ azzjoni diretta fil-konfront ta’ direttur ta’ socjetà li personalment iqarraq bil-kredituri tieghu u li jirrendi ruhu hati ta’ atti pregudizzjali ghall-likwidazzjoni tas-socjetà tieghu u ghalhekk anke in vista ta’ l-artikolu 213 tal-Kap.12 is-socjetà intimata ghandha kull dritt li tinghata opportunità tipprova l-pretensjoni li hija tivvanta fil-konfront tar-rikorrent u li tikkawtela l-pretensjonijiet taghha tul il-pendenza tas-smigh tal-provi relattivi;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent u x-xhieda ta’ Anthony sive Tonio Paris, rapprezentant tas-socjetà intimata, illi entrambe xehdu waqt is-seduta tat-28 ta’ Gunju 2010 u rat id-dokumenti esebiti waqt l-imsemmija seduta;

Rat l-atti kollha tar-Rikors u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

Bil-proceduri odjerni r-rikorrent qed jitlob it-thassir fil-konfront tieghu tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1950/10 ottenut mis-socjetà intimata fil-konfront tas-socjetà IT 2010 Limited precedentement maghrufa bl-isem A to Z Limited u fil-konfront tieghu personalment.

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-principju guridiku li jirregola l-procedura odjerna li kjarament hija bbazata fuq il-provvedimenti tal-Ligi enuncjati fl-Artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, hu li *mid-disposizzjoni ta' l-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja*[1]*.*

Ir-rikorrent jibbaza t-talba ghat-thassir fil-kofront tieghu ta' l-imsemmi Mandat fuq is-segwenti zewg pretensjonijiet: (i) li l-kreditu indikat mis-socjetà intimata mhux *prima facie* gustifikat u ghalhekk mhux ragjonevoli li l-Mandat jibqa' fis-sehh; u li (ii) ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnu w is-socjetà intimata billi d-debitur tas-socjetà intimata hija s-socjetà IT 2010 Limited u mhux hu f'ismu personali.

L-ewwel raguni moghtija mir-rikorrent ghaliex il-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni ghandu jigi imhassar fil-konfront tieghu hija msejsa fuq l-Artikolu 836(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u biex jigi ikkunsidrat it-thassir ta' Mandat Kawtelatorju taht din ir-ras necessarjament trid tintrabat il-

[1] **Emanuel Sammut et v. Josephine Sammut, Rikors Nru. 1094/02** deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2003; **Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart, Rikors Nru. 336/05** deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Lulju 2005.

kawzali tal-Mandat mal-kreditu indikat fih. Dana ghalhekk ifisser li l-ewwel aspett li jrid jigi ezaminat huwa jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li s-sekwestrant, f'dan il-kaz is-socjetà intimata, ghandhux bazi ta' pretensjoni u imbaghad irid jigi kkunsidrat jekk is-sekwestrant wasalx biex jillikwida tali pretensjoni f'somma li taqbel ma' l-ammont minnu mahluf fil-Mandat.

F'dan ir-rigward huwa opportun li ssir referenza ghal dak li inghad mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-Digriet fl-ismijiet **Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart, Rikors Nru. 336/05** deciz fid-29 ta' Lulju 2005, *wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarju m'ghandux jigi mfixkel jew imwarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti … Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat.*

Is-socjetà intimata talbet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront tas-socjetà IT 2010 Limited, precedentement maghrufa bl-isem A to Z Limited, u tar-rikorrent f'ismu personali ghall-ammont ta' €4,665.26 u kontestwalment ma' dan il-Mandat is-socjetà intimata ddeduciet il-pretensjoni taghha fil-konfront tas-sekwestrati permezz ta' Avviz ipprezentat quddiem din il-Qorti fejn qed titlob il-hlas tas-somma ta' €4,665.26 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' apparat u accessorji tal-kompjuters minnha mibjugha u konsenjati lis-socjetà A to Z Limited[2].

Bil-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni ghalhekk, is-socjetà intimata trid tikkawtela l-hlas tal-kreditu ta' €4,665.26 minnha pretiz minghand is-sekwestrati jew min minnhom sakemm il-kwistjoni tigi deciza minn din il-Qorti bil-gudizzju fil-meritu.

[2] Dok. "AP1" ipprezentat minn Anthony Paris waqt is-seduta tat-28 ta' Gunju 2010.

Meta dawn il-fatti jigu kkunsidrati fid-dawl tal-principju guridiku enuncjat fil-precitat Digriet fl-ismijiet **Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart,** certament ma jistax jigi konkluz illi l-ammont li s-socjetà intimata trid tikkawtela bil-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tas-sekwestrati mhux *prima facie* gustifikat.

In oltre Anthony Paris, rapprezentant tas-socjetà intimata, ipprezenta numru ta' fatturi[3], li jiffurmaw il-meritu tat-talba tas-socjetà intimata, li juru li l-valur tal-merce mibjugha u konsenjata minnha huwa ta' €4,665.26, ossia l-ammont minnha kawtelat bil-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni.

Da parte tieghu r-rikorrent ma ressaq ebda prova li sodisfacentement tissosstanzja l-affermazzjoni tieghu li l-ammont pretiz mis-socjetà intimata mhux *prima facie* gustifikat.

Ghal dawn ir-ragunijiet ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tar-rikorrent ghat-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1950/10 fil-konfront tieghu ghaliex l-ammont pretiz mis-socjetà intimata mhux *prima facie* gustifikat.

Ir-rikorrenti jikkontendi wkoll illi mhux ragjonevoli li l-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni jinzamm fis-sehh fil-konfront tieghu ghaliex bejnu u s-socjetà intimata ma tezisti ebda relazzjoni guridika in quanto hu f'ismu personali qatt ma ordna u/jew xtara apparat, accessorji elettronici jew computers minghandha.

Il-Qorti mill-gdid itteni u tippuntwalizza li fil-proceduri ghat-thassir ta' Mandat Kawtelatorju l-kwistjonijiet li jigu sollevati mill-partijiet kontendenti, partikolarment dawk il-kwistjonijiet li jappartjenu ghal-meritu tal-kontroversja bejniethom, ma ghandhomx jigu trattati u esaminati fil-fond izda biss *prima facie*.  Fuq kollox il-Mandat Kawtelatorju jinhareg ghaliex is-sekwestrant jikkonferma bil-gurament li jippretendi li ghandu xi drittijiet fil-konfront tas-sekwestrat/sekwestrati u ladarba jottjeni l-hrug tal-

[3] Dok. "AP3" ipprezentat minn Anthony Paris waqt is-seduta tat-28 ta' Gunju 2010.

Mandat Kawtelatorju s-sekwestrant ghandu jassumi r-responsabilitajiet kollha l-konsegwenzi kollha skond il-ligi fil-konfront tas-sekwestrat/sekwestrati.

It-tieni raguni moghtija mir-rikorrent ghaliex il-Mandat ta' Sekwestru ghandu jigi mhassar fil-konfront tieghu hija essenzjalment ibbazata fuq il-pretensjoni li hu mhux il-legittimu kontradittur tas-socjetà intimata. Din il-pretensjoni bla dubju ta' xejn tappartjeni ghal-meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet kontendenti u l-Qorti ma tistax tidhol fiha fid-dettal u b'mod estensiv izda biss *prima facie*. L-ezami li ghandu isir f'dan ir-rigward hu jekk hemmx ghall-inqas prova li mad-daqqa t'ghajn teskludi li hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet.

Ir-rikorrent jibbaza l-pretensjoni tieghu fuq l-affermazzjoni li hu f'ismu personali qatt ma ordna merce minghand is-socjetà intimata. Huwa dejjem agixxa *qua* managing director tas-socjetà A to Z Limited, illum maghrufa bl-isem IT 2010 Limited, u ghalhekk se mai hija din is-socjetà li ghandha relazzjoni guridika mas-socjetà intimata u mhux hu f'ismu personali.

Is-socjetà intimata min-naha taghha taghti diversi ragunijiet – anke tramite x-xhieda tar-rapprezentant taghha Anthony Paris, ghaliex skond hi r-rikorrent ghandu jinzamm responsabbli ghall-hlas tas-somma minnha pretiza u b'hekk kienet gustifikata f'li tottjeni l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Numru 1950/10 fil-konfront tieghu f'ismu personali u dan l-istess Mandat ghandu jibqa' fis-sehh fil-konfront tieghu pendenti l-ezitu tal-gudizzju fil-meritu.

Minghajr ma' tidhol fid-dettal fil-kwistjonijiet sollevati mill-partijiet kontendenti dwar l-involviment u eventwali responsabilità tar-rikorrent fil-konfront tas-socjetà intimata, il-Qorti thoss li minn dak li rrizulta waqt is-smigh tar-Rikors – partikolarment mill-fatt li s-socjetà IT 2010 Limited, già maghrufa bl-isem A to Z Limited, li taghha r-rikorrent huwa managing director, ilha zmien ghaddejja minn diffikultajiet finanzjarji tant illi qed tigi kontemplata l-possibilità tal-likwidazzjoni tas-socjetà – *prima facie* jirrizulta li hemm

ness guridiku sufficjenti bejn is-socjetà intimata w ir-rikorrent li jiggustifikaw il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront tieghu personalment u z-zamma fis-sehh ta' dan l-istess Mandat pendenti l-ezitu tal-gudizzju fil-meritu.

Ghalkemm ir-rikorrent dejjem agixxa *qua* managing director tas-socjetà IT 2010 Limited, fiz-zmien maghrufa bl-isem ta' A to Z Limited, il-Qorti ma tistax fid-dawl ta' dak li rrizulta waqt is-smigh tar-Rikors teskludi *a priori* l-involviment u eventwali responsabilità tar-rikorrent fil-konfront tas-socjetà intimata billi huwa principju stabbilit fis-sistema guridika nostrali li l-gestjoni ta' socjetà hija fdata f'idejn il-Managing Director taghha u dan id-direttur hu meqjus bhala mandatarju tas-socjetà fir-relazzjonijiet interni ma' dik is-socjetà u bhala rapprezentant taghha fir-relazzjonijiet taghha ma' terzi. Ghalkemm id-disposizzjonijiet ta' l-Att XXV ta' l-1995 li jirrigwarda l-Kumpaniji huma mahsuba biex jizguraw li s-socjetà taghmel tajjeb ghall-operat tad-diretturi taghha fdati bl-amminsitrazzjoni taghha kif ukoll ghal min kellu posizzjoni ta' responsabilità fit-tmexxija taghha ma hemmx dubju li f'certi determinati sitwazzjonijiet id-direttur jista' jinstab li jkun personalment responsabbli fil-konfront tat-terz.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti lanqas ma tista' tilqa' t-talba tar-rikorrent ghat-thassir fil-konfront tieghu tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1950/10 ghaliex mhux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh fil-konfront tieghu billi ma ghandux relazzjoni guridika mas-socjetà intimata.

Fir-Rikors tieghu r-rikorrent javvanza talba ohra oltre t-talba ghat-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru imsemmi fil-konfront tieghu. Huwa jitlob li l-Qorti timponi fuq is-socjetà sekwestranti l-ghoti ta' garanzija a tenur ta' l-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi – *il-Qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna li dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta' l-att kawtelatorju sabiex taghti, fiz-zmien stabbilit mill-Qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi imposta u*

*ta' danni u imghax, u, fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju.*

Fir-rigward ta' dan l-Artikolu tal-Ligi jinghad illi l-applikazzjoni tieghu hija wahda alternattiva ghat-talba ghat-thassir tal-Mandat. In effetti d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu tal-ligi dwar l-ghoti ta' garanzija min-naha tas-sewkestrant huma mqeghda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-thassir tal-mandat. B'hekk ir-rimedju ta' l-ghoti tal-garanzija huwa alternattiva ghat-talba ghat-thassir tal-Mandat, u anzi jista' jinghata biss jekk kemm-il darba t-talba ghat-thassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jigifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod ghadu fis-sehh.  Di fatti kieku ma kienx hekk l-ahhar erba' kelmiet ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jkunu ddahlu fil-Ligi ghal xejn.

Biex il-Qorti timponi tali garanzija fuq is-sekwestrant trid tintwera "kawza gusta" mis-sekwestrat ghall-imposizzjoni ta' tali garanzija. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat kawtelatorju ma jitqiesx bhala kawza gusta ghall-finijiet ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti sabiex taghti dik is-sanzjoni. In oltre d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu imsemmi huma dawk li s-sekwestrat jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug ta' l-att kawtelatorju u b'konsegwenza ta' tali hrug u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni.

L-ammont tal-garanzija li jrid jigi ffissat irid izomm bilanc xieraq bejn il-jedd tal-persuna li titlob il-hrug ta' l-att kawtelatorju biex thares il-pretensjonijiet taghha fil-kawza pendenti, u l-effett li tali att ihalli fuq il-persuna li kontra taghha jinhareg dak il-Mandat. L-ordni biex tinghata garanzija ma hijiex l-istess bhal kundanna ta' penali jew kundanna ghall-hlas ta' danni. L-ghan wahdieni tal-garanzija huwa li tqieghed lis-sekwestrat f'qaghda li, meta u jekk tibda proceduri ghal dan il-ghan, issib assi li fuqhom tkun tista' tezegwixxi decizjoni favorevoli ghaliha[4].

[4] **Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart, Rikors Nru. 336/05** deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Lulju 2005.

Fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrent ghalkemm talab l-imposizzjoni ta’ garanzija fuq is-socjetà intimata a tenur ta’ l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, naqas milli jipprova kawza gusta ghall-imposizzjoni ta’ tali garanzija u naqas ukoll milli jipprova li garrab xi danni direttament minhabba l-hrug ta’ l-att kawtelatorju in kwistjoni.

B’hekk billi ma gewx sodisfatti r-rekwiziti ghall-imposizzjoni ta’ garanzija fuq is-socjetà intimata a tenur ta’ l-Artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ma tistax takkolji din it-talba tar-rikorrent.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent ipprezentat fl-14 ta’ Gunju 2010 billi tichad it-talbiet tar-rikorrent hemm dedotti; bl-ispejjez ta’ dawn il-proceduri a karigu ta’ l-istess rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------